MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2009

Appell Civili Numru. 3327/1996/1

**Joseph Dalli u ghal kull interess illi jista' jkollha**
**Carmen mart Joseph Dalli**

**v.**

**Mediterranean Film Studios Limited**

## Il-Qorti:

## Preliminari:

B'citazzjoni pprezentata fis-26 ta' Novembru 1996 quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili l-atturi premettew illi l-

attur jezercita l-kummerc bhala kuntrattur ta' l-installazzjonijiet ta' impjanti tad-dawl u ilma u *plumbing*; illi s-socjeta` konvenuta kienet inkarigat lill-konvenut [recte: attur] sabiex jezegwixxi xgholijiet ta' impjant ta' elettriku u *plumbing* fil-fond RL2 Ricasoli Industrial Estate, Kalkara u dan skond il-*Bill of Quantities* anness ma' l-att tac-citazzjoni bhala Dok. A; illi wara illi l-attur kien xtara l-materjal mehtieg sabiex jezegwixxi l-appalt izda qabel ma l-attur beda x-xgholijiet, is-socjeta` konvenuta tterminat l-istess appalt bl-iskuza illi hija qatt ma kienet lahqet ftehim ma' l-attur; illi l-attur sabiex jezegwixxi l-appalt kien xtara l-oggetti elenkati f'Dok B kif jigu ppruvata ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi l-oggetti li l-attur xtara biex jezegwixxi l-appalt kellhom jigu ordnati minnu specifikament ghal dan l-appalt, liema oggetti mhux utilizzabbli mill-attur ghal skopijiet ohra u mhux facilment jista' jiddisponi minnhom sabiex jimminimizza d-danni; illi minhabba t-terminazzjoni ta' l-appalt da parti tas-socjeta` konvenuta b'mod unilaterali l-atturi sofrew danni konsistenti fl-ispejjez li huma inkorrew sabiex l-attur xtara l-oggetti fuq imsemmija specifikatament ghall-inkarigu moghti lilu mis-socjeta` attrici kif ukoll telf ta' qligh kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza; illi minkejja illi l-attur interpella lis-socjeta` konvenuta sabiex thallsu d-danni li huwa sofra permezz ta' ittra ufficjali tal-5 ta' Settembru 1996 hija baqghet inadempjenti; dan premess l-atturi talbu li dik il-Qorti:

1. Tiddikjara jekk hemm bzonn illi s-socjeta` konvenuta kienet dahlet fi ftehim ma' l-attur li bih inkarigatu jaghmel xgholijiet ghaliha kif fuq premess;

2. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta unilateralment itterminat l-appalt miftiehem ma' l-attur u dan minghajr il-kunsens ta' l-attur;

3. Tiddikjara illi s-socjeta` konvenuta hija responsabbli ghad-danni li l-atturi sofrew kif ukoll ghal kumpens iehor konsistenti f'telf ta' qligh u spejjez inkorsi minnhom;

4. Tillikwida l-istess danni u kumpens;

5. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat;

6. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju tiehu u taccetta l-konsenja ta' l-istess oggetti mixtrija mill-attur sabiex jezegwixxi l-appalt miftiehem minnu mas-socjeta` attrici;

Bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali tal-5 ta' Settembru 1996 u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali fuq imsemmija;

B'nota pprezentata fis-26 ta' Gunju 1997 is-socjeta` attrici ecceppiet:-

1. Illi l-ewwel talba ghandha tigi michuda billi qatt ma sar ftehim vinkolanti bejn il-partijiet, kif jippretendu l-atturi;

2. Illi konsegwentement ghall-ewwel eccezzjoni, it-talbiet l-ohra kollha ghandhom jigu michudin;

3. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, l-atturi jridu jippruvaw illi l-materjal mixtri minnhom ma huwiex utilizzabbli;

Rat li b'verbal tat-28 ta' Gunju 2006 il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq il-punt tar-responsabilita`;

**Is-sentenza appellata.**

B'sentenza parzjali moghtija fil-11 ta' Ottubru, 2006 il-Prim Awla tal-Qorti Civili iddecidied il-kwistjoni ta' responsabbilita` bil-mod segwenti:
"*Taqta' u tiddeciedi l-punt devolut tar-responsabilita` billi tiddikjara li s-socjeta` konvenuta ghandha tigi ritenuta fi htija ghat-terminazzjoni unilaterali tal-kuntratt tax-xgholijiet kommissjonati minnha lill-atturi. Il-kawza qed tigi differita ghat-8 ta' Novembru 2006 ghat-trattazzjoni dwar id-danni reklamati. L-ispejjez tal-prezenti decizjoni jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali dwar dawn id-danni.*"

U dana wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

“Il-kwistjoni principali f’din il-kawza hija jekk is-socjeta` konvenuta ghandhiex tigi ritenuta responsabbli ghar-recess unilaterali da parti taghha tal-kuntratt ta’ appalt u, allura wkoll, tad-danni konsegwenzjali;

“Bazikament, id-divarju sostanzjali bejn il-kontendenti, ghal lanqas minn dak li ttrapela fid-dibattitu orali, jikkonsisti fl-allegazzjoni illi, mentri ghall-atturi kien hemm in ezistenza ftehim komplet, ghas-socjeta` konvenuta, b’sostenn ta’ l-ewwel eccezzjoni taghha, qatt ma sar ftehim vinkolanti imma merament trattattivi *in contrahendo*. Minn dawn il-posizzjonijiet divergenti, ta’ naha u ta’ ohra, jidher li l-kwistjoni migjuba ghall-ezami u soluzzjoni minn din il-Qorti hi dik jekk, fil-fattispeci, kienx hemm bejn il-partijiet is-semplici trattattivi li minnhom parti setghet liberament tirrecedi bla ebda obbligu ta’ xejn - hlief, forsi, ghal dik li tista’ titqies bhala responsabilita` pre-kontrattwali - jew ftehim vinkolanti f’kull rispett, bir-rekwiziti ta’ forma u ta’ sustanza li jsemmi l-Artikolu 966 tal-Kodici Civili;

“Il-fatti ewlenin tal-kawza kif johorgu mill-provi forniti eskluzivament mill-atturi jistghu jigu rikapitolati kif gej:-

“(1) Wara l-ewwel inkontru li kellu ma’ John Prince u li aktar tard sar maghruf minnu li dan kien konsulent tas-socjeta` konvenuta - l-attur Joseph Dalli ddiskuta ma’ dan, it-tip u l-kwalita` ta’ xoghol li s-socjeta` konvenuta kellha bzonn. Dan fl-appuntament li sehh fis-26 ta’ Frar 1996, fejn ukoll gie mitlub jipprepara stima;

“(2) Dan l-inkontru gie segwit b’iehor fid-29 ta’ Mejju 1996 fejn l-attur spjegalu d-dettalji ta’ kif kien behsiebu jqassam ix-xoghol. F’xi mument waqt dan l-inkontru kien prezenti wkoll l-Inginier Salafja. Dejjem skond l-attur, John Prince ippromettielu li jghaddilu cekk ta’ elfejn lira biex ikun jista’ jixtri l-materjal;

“(3) In segwitu, f’laqgha li kellu ma’ certu Jack Mc Adam mis-socjeta` konvenuta, l-attur gie mitlub jaghmel stima gdida u jaghti deskrizzjoni tax-xgholijiet. L-attur

issuggerixxa li jigi nkarigat l-Inginier Charles Cuschieri biex dan jipprepara l-*Bill of Quantities* u jhejji l-pjanti, kif fil-fatt sar;

"(4) Fl-ahhar laqgha tat-3 ta' Lulju 1996 fejn kienu prezenti, oltre l-attur u Mc Adam, l-imsemmi inginier, John Prince u Louis Negro, skond l-Affidavit tieghu (fol. 38) l-attur jiddikjara li hu gie assenjat bix-xgholijiet okkorrenti skond il-*Bill of Quantities*, u ntlahaq qbil dwar il-pagamenti li kellhom isirulu, kif ukoll dwar iz-zmien meta kellhom jibdew l-istess xgholijiet;

"(5) F'dan kollu l-attur hu korroborat mill-Inginier Carmel Cuschieri (ara Affidavit tieghu a fol. 60) li jzid jiddikjara illi, oltre l-preparazzjoni tal-*Bill of Quantities* u l-pjanti ta' l-installazzjoni, huwa ha hsieb japplika lil Enemalta;

"(6) Irid jinghad illi, kif ordnat minn John Prince, l-attur kien effettivament ghadda biex xtara l-materjal (ara dokumenti minn fol. 37 sa fol. 39);

"Is-socjeta` konvenuta mhux biss ma pproduciet ebda provi izda naqset ukoll milli tikkontroezamina lill-attur u lix-xhud prodott minnu. Naturalment il-Qorti mhix assistita kif jixraq minn din l-assenza ta' provi u jkollha ghalhekk tinterpreta l-qaghda guridika tar-relazzjoni bejn il-kontendenti mill-fatti premessi;

"Kif taraha din il-Qorti minnhom jistghu jigu delinejati zewg kuncetti:-

"(1) Kien hemm certament trattattivi bejn il-partijiet li jikkomprendu l-fazi tal-formazzjoni tal-kuntratt. Fazi din li generalment tigi zvolta fil-perijodu interkorrenti bejn il-formulazzjoni tal-proposta kontrattwali u l-konoxxenza ta' l-accettazzjoni da parti tal-proponent. Dan fuq il-livell ta' dak il-kuntatt socjali instawrat ghall-possibbli konkluzjoni tal-ftehim. Fil-kaz prezenti ma jirrizultax li kien hemm interruzzjoni ta' dawn it-trattattivi. Anzi, jidher li l-kuntrarju hu l-kaz;

"(2) Bil-konoxxenza kompleta tal-fatti jidher li dik il-fazi anterjuri tat-trattattivi f'dan il-kaz giet sorpassata bl-ahhar inkontru tat-3 ta' Lulju 1996. Fih, il-partijiet ma llimitawx ruhhom biex jimmanifestaw it-tendenza taghhom ghall-istipulazzjoni tal-kuntratt izda kien hemm veru u proprju konkluzjoni tieghu. Huwa inutili dak ritenut minn Jack Mc Adam fil-*fax* tieghu tas-27 ta' Awwissu 1996 lill-attur (fol. 36) illi hu ma ffirma ebda kuntratt. Dan ghaliex l-appalt jew il-*locatio operis*, kif fil-hsieb tal-Qorti ghandu korrettement jigi kazellat il-ftehim, ma huwiex wiehed minn dawk annoverati taht l-Artikolu 1233 (1) Kodici Civili, ghal liema hi mehtiega l-forma skritta *ad substantiam vel probationem*. F'dan il-kaz jidher, mhux kontradett, illi fl-imsemmija laqgha l-partijiet riedu (u hekk fil-fatt sehh), jilhqu ftehim fuq il-bazi ta' l-akkordju raggunt fuq il-punti principali u essenzjali tal-ftehim;

"Hu definit fl-Artikolu 960 tal-Kodici Civili illi "il-kuntratt huwa konvenzjoni jew ftehim bejn tnejn minn nies jew izjed, illi bih tigi maghmula, regolata, jew mahlula obbligazzjoni". Minn din id-definizzjoni jikkonsegwi illi biex wiehed jara jekk kienx hemm ftehim bhal dan, u allura wkoll ftehim vinkolanti, jokkorri li jigi ezaminat u stabbilit jekk kienx hemm dik il-manifestazzjoni unitarja tal-volontajiet tal-kontraenti. Ghall-verifika ta' dan hu mehtieg li wiehed jiehu qies tas-sinjifikat oggettiv tad-dikjarazzjonijiet li jkunu saru;

"Eminentement, dikjarazzjoni tikkwalifika bhala proposta kontrattwali meta hi suxxettibbli ta' accettazzjoni pura u semplici, u li tkun tikkontjeni l-kundizzjonijiet u t-termini kollha tal-kuntratt ta' ftehim. Ma titqiesx tali meta l-volonta` ma tkunx univoka u ma timmanifesta ebda decizjoni imma mera disponibilita`. F'dan il-kaz, kif gja` fuq espress, il-Qorti tirravviza, u guridikament tiddentifika, mill-fatti l-espressjoni ta' dik il-volonta` komuni, u sorretta minn intenzjoni komuni, li s-socjeta` konvenuta riedet, u hekk qablet, li tikkommissjona lill-attur bix-xgholijiet ta' installazzjonijiet ta' l-ilma u ta' l-elettriku fil-lok indikat. Tali espressjoni hi tradotta f'dik il-forza ta' ligi li jippreciza l-Artikolu 992 tal-Kodici Civili. Dan ghar-raguni illi fil-mument li t-trattattivi gew perfezzjonati bil-konkluzjoni tal-

ftehim u l-partijiet, allura, kienu hekk impenjati, huma kienu vinkolati li joqghodu ghalih;
‘Isegwi minn dan kollu li ntqal illi l-argument tas-socjeta` konvenuta li hawn si tratta ta’ semplici trattattivi ma jistax jitqies accettabbli. L-atturi pprovaw il-fonti negozjali u legali tad-dritt vantat minnhom bl-azzjoni, jigifieri, li kien hemm ftehim li jorbot u li s-socjeta` konvenuta kienet responsabbli ghar-recess unilaterali u ingustifikat tieghu, u konsegwentement, ghar-reklam tad-danni invokat mill-atturi, u li dawn jghidu li sofrew bil-ksur tal-ftehim. Materja din ta’ l-ahhar li ghalissa qed tithalla impregudikata.”

**L-appell tas-socjeta` konvenuta.**

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk b’rikors intavolat fil-31 ta’ Ottubru, 2006 talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija sentenza u dana billi tilqa’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta appellanti u konsegwentement tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

L-atturi appellati ipprezentaw risposta ghall-appell tas-socjeta` konvenuta fejn, filwaqt li inizzjalment resqu pregudizzjali minhabba nuqqas ta’ notifika tal-atturi kollha, liema pregudizzjali giet irtirata fl-udjenza tal-4 ta’ Novembru, 2008, issottomettew li s-sentenza appellata hija valida u gusta u konsegwentement timmerita konferma.

**Ikkunsidrat:**

F’dawn il-proceduri l-atturi qed jitolbu li jigi dikjarat li s-socjeta` konvenuta kienet itterminat unilateralment u kontra l-volonta` tal-istess attur kuntratt ta’ appalt konsistenti f’xgholijiet ta’ impjant ta’ elettriku u *plumbing* fil-fond RL2 Ricasoli Industrial Estate, Kalkara li, jghidu l-atturi, kien gie moghti lill-attur. Qedin jitolbu wkoll il-kundanna ta’ hlas ta’ danni sofferti minnhom bhala rizultat ta’ dan l-agir tas-socjeta` konvenuta.

Mill-provi huwa pacifiku li bejn il-kontendenti ma kien sar ebda kuntratt bil-miktub; infatti, dan lanqas jallegah l-attur, u l-General Manager tas-socjeta` konvenuta certu Jack Mc Adam, meta rrisponda permezz ta' FAX datat 27 ta' Awwissu, 1996, ghat-talba tal-attur ghar-risarciment tad-danni, qal espressament hekk: "*In reference to your claim of a contract of works with MFS, I have no recollection of ever signing one for work to proceed or supplies to be purchased.*"

L-ewwel Qorti rriteniet li dan in-nuqqas ma kien ta' ebda relevanza billi kuntratt ta' appalt ossia *locatio operis* ma jehtieg ebda skrittura jew kuntratt ghall-validita` tieghu. Kien ghalhekk li dik il-Qorti ghamlet ezami akkurat tal-provi rizultanti u, mehuda c-cirkostanzi kollha tal-kaz, waslet ghall-konkluzzjoni li effettivament l-ewwel talba attrici kienet timmerita li tintlaqa'.

Is-socjeta` konvenuta hasset ruhha aggravata b'din il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti primarjament billi qed issostni li dik il-Qorti ma tat ebda affidament ghall-provi prodotti minnha. Effettivament, ghalkemm jirrizulta ampjament li s-socjeta` konvenuta ma ressqet ebda xhieda ta' dak li sehh bejn il-partijiet, anzi ddikjarat li ma kellha ebda provi fir-rigward, u lanqas ma ghamlet il-kontro-ezami tal-attur u x-xhud prodott minnu, biss issa qed jinghad li l-ewwel Qorti kellha tiehu konjizzjoni tad-dikjarazzjoni guramentat annessa man-nota tal-eccezzjonijiet, li skond l-istess socjeta` appellanti, tifforma prova kuntrarja ghal dak li qed jigi allegat mill-atturi, mhux biss izda tirriferi ukoll ghal dak li jinghad mill-istess Mc Adam fil-*FAX* fuq imsemmija.

Fir-rigward ghandu jigi rilevat li d-dikjarazzjoni annessa man-nota ta' l-eccezzjoni hija mahlufa minn certu Walter Bonnici, li ghalkemm jiddikjara ruhu bhala direttur tas-socjeta` konvenuta, imkien ma jiffigura fit-trattattivi li kienu sehhew bejn l-attur u l-istess impjegat inkluz l-*ex General Manager* is-Sur Mc Adam, tas-socjeta` konvenuta. Infatti din il-persuna lanqas biss tressqet bhala xhud u ghalhekk hemm dubju serju dwar il-veracita` tal-fatti kontenuti fid-

dikjarazzjoni imsemmija, u dan apparti l-fatt li l-istess dikjarant naqas jiddikjara li huwa kien a konoxxenza tal-fatti hemm mistqarra.

Illi fil-kuntest tas-sensiela ta’ laqghat li inzammu bejn l-attur u l-istess Mc Adam u impjegati ohra tas-socjeta` konvenuta, kif ukoll invista tax-xhieda guramentata tal-Inginier Carmel Cuschieri li kien tqabbad appozitament biex japplika ghall-provvista tal-elettriku u jipprepara l-*Bill of Quantities* u l-pjanti relattivi, din il-Qorti tikkondividi l-hsieb ta’ l-ewwel Qorti fis-sens li c-cahda tas-socjeta` konvenuta ghal dak li allega l-attur, ma ghandhiex mis-sewwa u li fil-verita` kien intlahaq ftehim bejn il-kontendenti u l-attur kien inghata l-appalt. Ta’ minn josserva li l-istess Inginier Cuschieri kien ukoll thallas, mis-socjeta` konvenuta, ghax-xoghol minnu maghmul in konnessjoni ma’ l-applikazzjoni ghas-*supply* ta’ l-elettriku billi wkoll dan is-*supply* inghata.

Is-socjeta` konvenuta oggezzjonat ukoll ghal fatt li l-ewwel Qorti osservat li hi ma kinitx ressqet provi u li ma kinitx ghamlet il-kontro-ezami tal-attur u x-xhud prodott minnu. Qed jinghad fir-rigward li dan ma kienx nuqqas izda ghazla konsapevoli u deliberata da parti taghha billi l-provi prodotti mill-atturi ma kinux tali li setghu jwasslu lill-ewwel Qorti ghal dak il-konvinciment morali mehtieg biex tinlaqa’ l-ewwel talba. Din il-Qorti izda hija konvinta li din l-ghazla, ghalkemm wahda deliberata, kienet suggerita mill-fatt li kemm l-Managing Director Mc Adam u l-konsulent John Prince, li kienu l-persuni direttament involuti fit-tahtidied mal-attur dwar dan l-appalt, ma kienux ghadhom impjegati mas-socjeta` konvenuta u mhux rintraccabbli billi kienu jirresjedu barra minn Malta. Ghalhekk, fil-fehma ta’ din il-Qorti, kien izjed impellenti li jsir il-kontro-ezami tal-attur u x-xhud minnu prodott biex tigi ribattuta dik ix-xhieda.

Fl-ahharnett is-socjeta` appellanti qed tirrileva li l-oneru tal-prova tal-ezistenza ta’ l-appalt kien jinkombi fuq l-attur u li dan naqas milli jressaq din il-prova b’mod li l-unika triq li kellha l-ewwel Qorti kien li tichad it-talbiet attrici. Dwar dan din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li gja` inghad hawn fuq, biss tkompli tosserva li dan l-ilment huwa

msejjes fuq allegat apprezzament hazin tal-provi rizultanti. Kif dejjem gie ritenut din il-Qorti, bhala Qorti ta' revizjoni, mhux tenuta li tvarja l-apprezzament ta' l-ewwel Qorti jekk minn ezami akkurat tal-provi prodotti jirrizulta li dak l-apprezzament huwa bazikament korrett, cioe` li l-ewwel Qorti setghet, legalment u ragjonevolment, tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha.  U, wara li ezaminat l-atti kollha, din il-Qorti hija tal-fehma li l-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti hija ibbazata fuq apprezzament gust tal-provi prodotti.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tas-socjeta` konvenuta qed jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata fit-totalita` taghha bl-ispejjes ta' dan l-appell ghas-socjeta` konvenuta appellanti.  Din il-Qorti finalment tordna li l-atti ta' din il-kawza jintbghatu lura lill-ewwel Qorti biex tkompli tikkunsidra t-talbiet l-ohra mhux decizi u tiddisponi mill-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------